# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1124/2019 MH**

**Illum, 18 ta' Frar, 2022**

**Wara l-ittra ġudizzjarja numru 4307/19 tal-5 ta' Novembru 2019 maħruġa ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Mariella Spiteri (K.I. Nru 559879M)**

**vs**

**Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Mariella Spiteri tat-22 ta' Novembru 2019** permezz ta' liema ġie premess u mitlub:

*Tesponi bir-rispett ILLI:*

*1. L-esponenti ġiet notifikata bl-ittra ġudizzjarja nru. 4307/2019, hawn annessa, li fiha talba għall-hlas tas-somma ta' €82,236.55, da parti tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, skont huwa, bħala "somma li kienet tħallset lilek*

*indebitament bħala Ghajnuna Soċjali (Single* Unmarried Person) (SUP) *u Allowance tat-Tfal fil-perjodu ta' bejn id-29 ta' Settembru 2001 u l-5 ta' Lulju 2013;*

*2. L-esponenti qeghda tressaq rikors ai termini tal-artikolu 466 (2) u (3) et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex topponi t-talba u titlob lilll-Qorti tiddikjara t-talba bhala waħda infondata.*

*3. L-opposizzjoni tal-esponenti gejja mill-fatt, fost l-oħrajn, ILLI:*

*i.Fl-ewwel lok, preliminarjament umilment jingħad illi l-ittra ġudizzjarja hija irrita u nulla, u dan ghaliex il-pretensjonijiet magħmula fiha ma setgħux jiġu imressqa tramite ittra ġudizzjarja taħt l-artikolu 466 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif se jiġi trattat faktar dettall tul is-smigħ tar-rikors;*

*ii.Fit-tieni lok, l-ittra gudizzjarja odjerna hija wkoll irrita u nulla, għaliex fiha l-esponenti ġiet diretta topponi l-effetti tal-istess ittra permezz ta' nota, kuntrarjament għal dak li jipprovdi l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li taħtu saret din l-ittra ġudizzjarja;*

*iii.Fit-tielet lok, in linea ta' dritt jingħad illi d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali huwa prekluż milli jressaq talba taħt l-artikoli 1024, 1027 u 1028A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (kif donnu qiegħed jagħmel), u dan minħabba dak li jghid l-artikolu 1028B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl tal-fakultajiet moghtija mill-artikolu 102 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*iv.Fir-raba' lok, l-azzjoni tad-Direttur Ġenerali tas-*Sigurtà *Socjali kif pretiża fl-ittra gudizzjarja hija preskritta ai termini tal-artikolu 1027, inkella alternattivament, ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*V.Fil-ħames lok, u mingħajr pregudizzju għas-*suespost, *l-esponenti tikkontesta il-pretensjoni mressqa, kemm taht din il-procedura, kif ukoll taħt kwalunkwe procedura oħra;*

*4. B'hekk, l-ammont pretiża ma huwiex dovut la in toto u lanqas in parte,u dan kif se jigi muri aħjar waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors, anke wara illi d-Direttur jagħti aktar informazzjoni dwar il-pretensjoni tiegħu.*

*GĦALDAQSTANT, u in vista tas-*suespost, *kif ukoll tar-raġunijiet illi sejrin jirriżultaw waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors, l-esponenti qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joġgħobha tiddikjara it-talba Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Socjali bħala waħda infondata, bl-ispejjeż kollha jmorru kontrih.*

Rat **ir-risposta tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali tas-7 ta' Frar 2020** permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi l-esponent qiegħed jirrispondi għar-rikors intavolat minn Mariella Spiteri, liema rikors ġie ppreżentat ai termini tal-Artikolu 466 subinċiż 2 u 3 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' liema hija qiegħda tikkontesta l-ittra ġudizzjarja tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali bin-numru 4307/19;*

2. *Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva li l-proċedura odjerna ma hijiex irrita u nulla hekk kif qiegħed jiġi allegat minn Mariella Spiteri. Għalkemm il-proċedura legali tal-ittra ġudizzjarja skont l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija ta' natura eċċezzjonali, tali proċedura setgħet tiġi utilizzata mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali stante li dan l-artikolu tal-liġi huwa wiesgħa biżżejjed sabiex ikopri kull dritt jew taxxi oħra dovuti lill-Istat. Ġialadarba dan l-artikolu tal-liġi jista' jintuża minn Kapijiet ta' Dipartimenti għal kull tip ta' kreditu li jista' jkun dovut lilhom, ma hemm xejn li jipprekludi lil esponent sabiex jagħmel l-istess;*

3. *Illi bla ħsara għal premess u fir-rigward tan-nullita' ssollevata minn Mariella Spiteri għall-fatt li ġiet ddireġuta sabiex tikkontesta l-Ittra Ġudizzjarja permezz ta' nota minnflok permezz ta' rikors hekk kif jeżiġi Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent jirrileva illi għalkemm fl-Ittra Ġudizzjarja huwa erronjament niżżel il-kelma 'nota', dan ma jfissirx illi l-istess ittra għandha tiġi reża nulla;*

   *Illi huwa stat ta' fatt illi Mariella Spiteri ma ġarbet l-ebda preġudizzju minħabba tali żball, tant illi l-ittra ġudizzjarja ġiet ikkontestata permezz ta' rikors u dan entro t-terminu ta' għoxrin (20) jum skont kif stipulat f'Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, id-Direttur jirrileva li d-dritt tiegħu li jitlob ħlas lura ta' benefiċċji jemanixxi mill-Artikolu 102 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-liġi jipprovdi illi f'każ li persuna tkun irċeviet somma bħala benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna taħt il-liġi tas-Sigurta' Soċjali li ma kellhiex dritt għalih, tali persuna*

*għandha tħallas lura lid-Direttur dik is-somma li tkun hekk irċeviet. Bis-saħħa tal-istess disposizzjoni tal-liġi, id-Direttur għandu u dan mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li tagħtih il-liġi, il-fakolta' li jiġbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara. Fil-każ odjern, id-Direttur utilizza d-dritt tiegħu li jipproċedi kontra Mariella Spiteri ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex jiġbor lura l-ammont dovut lilu liema dritt huwa kkontemplat u ssalvagwardjat permezz ta' Artikolu 102 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi bla ħsara għal premess, l-esponent jirrileva illi l-azzjoni odjerna ma hijiex preskritta skont kif issollevat minn Mariella Spiteri. Din tal-aħħar teċċepixxi illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1027 jew Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema żewġ disposizzjonijiet tal-liġi ma jistgħux japplikaw;*

   *Illi l-esponent jirrileva illi fir-rigward tal-Artikolu 2115(2) tal-kodiċi Ċivili jippreskrivi illi: "Ebda eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinghata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta, hlief fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 2149, 2153, 2154, 2155, u 2156". Għaldaqstant ġialadarba Artikolu 1027 ma huwiex wieħed mill-Artikoli imsemmija fl-Artikolu 2115(2) tal-Kapitolu 12, tali ma jistgħax jiġi ssollevat kontra d-Direttur tas-Sigurta' Soċjali;*

   *Illi min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, dan jistipula illi: "L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin: (f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku". Mill-qari tal-istess artikolu, huwa indubjament ċar illi lanqas dsn l-Artikolu tal-liġi ma jista' jiġi applikat;*

   *Illi bla ħsara għal fuq espost, l-esponent jirrileva illi hekk kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża, Mariella Spiteri ħbiet mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali informazzjoni li tali setgħet tippreklidiha milli tkompli tipperċepixxi l-benefiċċji. Dan kollu sar bl-intiża li tqgħarraq u tifforda lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali sabiex b'hekk ma jintilifx id-dritt tagħha ta' benefiċċji. Għaldaqstant, kieku kellha tiġi invokata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, dak l-Artikolu tal-liġi li se mai għandu japplika għal każ odjern huwa Artikolu*

*2154(2) tal-Kodiċi Ċivili li jaqra: "Izda, kull min jisraq haga, jew isir pussessur taghha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jircievi jew jixtri dik il-haga, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriciha qatt, ighaddi kemm ighaddi zmien". Dan ifisser illi fil-verita' l-azzjoni de quo qatt ma tista' tiġi ddikjarata preskritta stante li Mariella Spiteri kienet konsapevoli illi hija kienet qiegħda taħbi mid-Direttur informazzjoni, li f'każijiet ta' din ix-xorta, tali informazzjoni hija meqjusa bħala vitali ġialadarba hawnhekk si tratta fondi pubbliċi;*

6. *Illi bla ħsara għal premess u fil-mertu, Mariella Spiteri kienet tipperċepixxi mill-Għajnuna Soċjali, Allowance tat-Tfal u Benefiċċju tal-Enerġija;*

7. *Illi fir-rigward tal-Għajnuna Soċjali, Mariella Spiteri applikat l-ewwel darba mad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali sabiex tipperċepixxi mill-Għajnuna Soċjali skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta, nhar il-10 ta' Settembru 1997. Wara li d-Direttur evalwa l-applikazzjoni in kwistjoni, huwa kien sodisfatt illi Mariella Spiteri kienet tissodisfa r-rekwiżiti kollha sabiex tkun kkonsidrata bħala persuna eleġibbli għall-Għajnuna Soċjali. Fost dawn ir-rekwiżiti, il-liġi tistabilixxi illi sabiex persuna tkun eleġibbli għall-Għajnuna Soċjali hija m'għandhiex teċċedi l-iskala ta' EUR23,300 f'każ li persuna tkun miżżewġa jew EUR14,000 f'każ li persuna tkun waħedha;*

8. *Illi minn investigazzjoni li saret mid-Direttur tas-Siguta' Soċjali, rriżulta li Mariella Spiteri kienet involuta f'numru ta' transazzjonijiet ta' trasferimenti ta' proprjetaijiet u dan kif ser jirriżulta fil-mori ta' din il-kawża. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, id-Direttur kien tal-fehma illi Mariella Spiteri ma baqgħatx tissodisfa r-rekwiżiti elenkati fil-liġi tas-Sigurta Soċjali u b'hekk huwa bagħat jinforma lis-Sinjura Spiteri bid-deċiżjonijiet tiegħu. Dawn id-deċiżjonijiet jitrattaw il-waqfien tal-Għajnuna Soċjali u t-talba għal rifużjoni ta' EUR60,579.73 tal-istess Għajnuna Soċjali għal perjodu bejn id-29 ta' Settembru 2001 u s-6 ta' Lulju 2012;*

9. *Illi minkejja li hemm deċiżjoni li tgħid li Mariella Spiteri ma tistgħax tibqa' eleġibbli għall-Għajnuna Soċjali skont il-liġi tas-Sigurta' Soċjali u dan stante t-transazzjonijiet hawn fuq imsemmija, din xorta waħda baqgħat ma rrifondietx lura lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali l-ammont globali in kwistjoni;*

10. *Illi fir-rigward tal-<u>Allowance tat-Tfal</u>, Mariella Spiteri kienet eleġibbli għal tali allowance stante li għandha 3 itfal u b'hekk bdiet tipperċepixxi dan l-allowance sa mis-sena 1998;*

11. *Illi wara li d-Direttur ħa konjizzjoni tal-applikazzjoni għall-Allowance tat-Tfal u kien sodisfatt li Mariella Spiteri kienet eleġibbli għall-istess, huwa kellu jikkalkula r-rata ta' Allowance li din kellha tibda tieħu. Il-mezzi ta' introju ta' Mariella Spiteri, liema mezzi kienu magħrufa lid-Direttur, kien dak tal-Għajnuna Soċjali. Għaldaqstant, huwa kkalkula r-rata tal-Allowance tat-Tfal abbażi tar-rata tal-Għajnuna Soċjali, liema rata kienet l-iktar waħda għolja;*

12. *Illi stante l-investigazzjoni hawn fuq imsemmija u d-deċiżjonijiet mehuda fir-rigward tal-Għajnuna Soċjali, id-Direttur ma kellux għażla ħlief li jagħmel rivalutazzjoni tar-rata tal-Allowance tat-Tfal. Wara tali eżerċizzju, id-Direttur wasal għal konklużjoni illi ġialadarba Mariella Spiteri ma kienetx eleġibbli għall-Għajnuna Soċjali sa mid-29 ta' Settembru 2001, ir-rata mogħtija lilha f'Allowance tat-Tfal u ċjoe' l-għola rata, ma kienetx fil-verita' dovuta lil Mariella Spiteri. B'hekk huwa kellu ukoll l-obbligu li joħroġ deċiżjoni oħra sabiex jitlob ir-rifużjoni ta' EUR23,853.63 liema ammont tħallas żejjed f'Allowance tat-Tfal lil Mariella Spiteri u dan permezz ta' deċiżjoni datata 28 ta' Jannar 2014;*

13. *Illi minkejja l-premess, Mariella Spiteri xorta waħda baqgħat ma rrifondietx lura lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali l-ammont globali in kwistjoni;*

14. *Illi fir-rigward tal-<u>Benefiċċju tal-Enerġija</u>, Mariella Spiteri għandha ukoll tirrifondi lura l-ammont li hija ħadet sa mid-9 ta' Mejju 2007 stante d-deċiżjonijiet hawn fuq imsemmija. B'hekk permezz ta' deċiżjoni datata 21 ta' Frar 2013, id-Direttur bagħat jinforma lil Mariella Spiteri li għandha tirrifonda lilu l-ammont ta' EUR2,105.05. Madanakollu, tali ammont ma tħallasx lid-Direttur hekk kif mitlub;*

15. *Illi huwa d-dmir tad-Direttur illi jiġbor l-ammont globali konsistenti f'Għajnuna Soċjali, Allowance tat-Tfal, Benefiċċju tal-Enerġija u l-ispejjeż legali kollha involuti u dan ġialadarba jirriżulta b'mod inekwivoku li Mariella Spiteri kisret ir-rapport ta' fiduċja li kellha mal-Istat u dan billi ħbiet minnu informazzjoni li setgħet iċċaħħadha milli tkompli tipperċepixxi*

*mill-imsemmija beneficcji u allowances. Proprju għal tali raġuni li d-Direttur bagħat numru ta' ittri bonarji u ġudizzjarji sabiex ifakkar lis-Sinjura Spiteri bl-obbligu tagħha li tirrifondi l-ammont rimanenti mis-somma globali.*

16. *Illi għalkemm Mariella Spiteri tirrikonoxxi dan id-dejn li għandha pendenti fil-konfront tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali, hija dejjem saħqet illi hija ma kellhiex il-mezzi sabiex tħallas lura l-ammont;*

17. *Illi fid-dawl tal-premess, id-Direttur ma kellux għażla oħra ħlief illi jipproċedi legalment kontra Mariella Spiteri u dan skont id-dritt tiegħu ai termini tal-liġi;*

18. *Illi għaldaqstant, l-esponent jirrileva illi t-talba kif dedotta fir-rikors ta' Mariella Spiteri ppreżentat nhar it-22 ta' Novembru 2019 ma għandhiex tiġi akkolta minn din l-Onorabbli Qorti u b'hekk għandha tgħaddi sabiex tikkonferma l-Ittra Ġudizzjarja tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra Mariella Spiteri.*

**Rat illi waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2021[1] ir-rikorrenti rtirat il-kawżali numru 3 subinċiż (iv) tar-rikors promotur li jitratta l-preskrizzjoni tal-ittra uffiċjali mertu tal-proċeduri odjeni. Kwindi l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni numru 5 tad-Direttur intimat.**

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

[1] Fol 19

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti ntavolat il-proċeduri odjerni ai termini tal-artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tressaq oppożizzjoni għall-ittra uffiċjali Nru 4307/19 tal-5 ta' Novembru 2019 maħruġa ai termini tal-artikolu 466 (1) tal-Att.

Permezz tal-ittra uffiċjali msemmija d-Direttur intimat interpella lir-rikorrenti sabiex tħallas is-somma ta' €82,236.55[2], liema somma kienet imħallsa indebitament lill-istess rikorrenti bħala Għajnuna Soċjali (*Single Unmarried Person (SUP)*) u *Allowance* tat-Tfal fil-perjodu bejn id-29 ta' Settembru 2001 u l-5 ta' Lulju 2013. Dan peress li, skont id-Direttur, ir-rikorrenti ma kinitx intitolata għal tali benefiċċji u naqset ukoll li tinforma lill-istess Dipartiment li ma kinitx intitolata kif fil-fatt kienet obbligata li tagħmel skont il-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz ta' dikjarazzjoni annessa mal-istess ittra uffiċjali, d-Direttur ikkonferma bil-ġurament tiegħu li l-Gvern ta' Malta kif rappreżentat minnu huwa kreditur tar-rikorrenti fis-somma ndikata.

**L-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li -

*"Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti,*

[2] Dan kien il-bilanċ rimanenti mitlub mis-somma globali ta' €86,596.32

*huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

*(....)*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta'dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*

*(3) Ir-rikors preżentat skont is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smiegħ f'jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien."*

L-oppożizzjoni tar-rikorrenti għat-talba tad-Direttur hija ppernjata fuq dawn il-binarji:

i. L-irritwalita' u n-nullita' tal-ittra uffiċjali stante li –

   - il-pretensjonijiet magħmula fiha ma setgħux jitqajmu f'ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12; u

   - r-rikorrenti ġiet diretta topponi għall-effetti tal-istess ittra permezz ta' nota kuntrarjament għal dak li jipprovdi l-artikolu 466 tal-Kap 12 u ċioe' oppożizzjoni permezz ta' rikors;

ii. Il-preklużjoni li d-Direttur intimat iressaq talba taħt l-artikoli 1024,1027 u 1028A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta (kif jidher li qed jagħmel) in vista ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1028B tal-istess Att u fid-dawl tal-fakultajiet konċessi mill-artikolu 102 tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta; u

iii. Il-kontestazzjoni tal-pretensjoni mressqa billi l-ammont pretiż mhux dovut la *in toto* u lanqas *in parte*.

Minn naħa tiegħu d-Direttur intimat jirribatti li –

i. L-ittra uffiċjali in kwistjoni mhijiex nulla stante li –

- Il-proċedura wżata mid-Direttur ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġi fir-rigward tal-kreditu in kwistjoni hija waħda permissibbli skont il-liġi;
- Anke jekk huwa indika l-proċedura ta' oppożizzjoni b'nota erroneament minflok rikors kif jesiġi l-artikolu 466 dan m'għandux iwassal għan-nullita' tal-ittra uffiċjali anke għax ir-rikorrenti ma sofriet ebda preġudizzju b'dan l-iżball;

ii. Id-dritt tiegħu li jitlob ħlas lura ta' benefiċċji joħroġ mill-artikolu 102 tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. L-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali huwa dovut fl-intier tiegħu.

Mill-provi jirriżulta li –

1. Fid-9 ta' Settembru 1997 ir-rikorrenti ressqet applikazzjoni għand id-Direttur intimat fejn talbet li tingħata għajnuna soċjali wara li kienet spiċċat mix-xogħol stante tqala. F'dik l-applikazzjoni hija kienet iddikjarat li ma kellhiex riżorsi kapitali u dħul ieħor. Hija għamlet ukoll dikjarazzjoni ġuramentata fejn obbligat ruħha li tgħarraf lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'kull għamla ta' tibdil fiċ-ċirkustanzi kif dikjarat minnha fuq l-istess applikazzjoni[3]. L-applikazzjoni tagħha kienet ġiet milqugħa u hija bdiet tirċievi l-għajnuna soċjali;

2. Sussegwentement, kien hemm diversi okkażjonijiet bejn Novembru 1997 u Jannar 2001 fejn ir-rikorrenti nfurmat lid-Dipartiment b'tibdil fiċ-ċirkustanzi marbuta ma' kambjamenti fl-indirizz ta' residenza[4];

[3] Fol 34 et seq
[4] Fol 41, 42, 46

3. Fit-12 ta' Frar 1998[5] ir-rikorrenti talbet żieda fl-għajnuna soċjali peress li kienet welldet tifla. Din it-talba ġiet milqugħa u ngħatat arretrati b'effett mill-14 ta' Frar 1998[6];

4. Fis-26 t'Awwissu 2003 ir-rikorrenti ressqet applikazzjoni oħra fejn talbiet żieda oħra fl-għajnuna soċjali minħabba li welldet tifel[7]. Din l-applikazzjoni ntlaqgħet;

5. Fil-11 ta' Mejju 2007 ir-rikorrenti ressqet applikazzjoni oħra fejn talbiet żieda oħra fl-għajnuna soċjali minħabba li welldet tarbija oħra[8]. Din l-applikazzjoni ntlaqgħet;

6. Fit-30 ta' Mejju 2007 ir-rikorrenti għamlet talba oħra għal għajnuna soċjali. F'dik l-applikazzjoni reġgħet iddikjarat li ma kellhiex riżorsi kapitali u dħul ieħor kif ukoll iddikjarat bil-ġurament li d-dettalji minnha mogħtija, sa fejn taf hi, kienu kollha veritjieri u li hija kellha tinforma lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'kull għamla ta' tibdil fiċ-ċirkustanzi kif dikjarat minnha fuq l-istess applikazzjoni[9]. L-applikazzjoni tagħha kienet intlaqgħet u kompliet tirċievi l-għajnuna soċjali;

7. Fil-21 ta' Lulju 2009 ir-rikorrenti avżat lid-Dipartiment bi bdil tal-indirizz[10];

8. Fit-2 ta' Diċembru 2011 ir-rikorrenti reġgħet applikat għall-għajnuna soċjali[11]. F'dik l-applikazzjoni iddikjarat li kellha vettura Toyota Corolla u li ma kellhiex riżorsi kapitali oħra u dħul ieħor. Hija ffirmat dkjarazzjoni ġuramentata li –

- sa fejn taf hi, t-tagħrif li tat kien kollu minnu, komplet u korrett;
- taf li jekk tagħti nformazzjoni falza tista' teħel il-pieni li tipprovdi l-liġi u tista' titlef id-dritt għall-benefiċċju taħt l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali;
- permezz tagħha awtorizzat lid-Direttur intimat sabiex fejn meħtieġ jagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji sabiex jistabilixxi d-dritt tagħha għal dak il-benefiċċju;

[5] Fol 46
[6] Xhieda ta' Dr Sean Apap Meli a fol 23
[7] Fol 52
[8] Fol 53
[9] Fol 54 et seq
[10] Fol 58
[11] Fol 59 et seq

- permezz tagħha obbligat ruħha li tinforma lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'kull tibdil fiċ-ċirkustanzi;
- taf li jekk għal xi raġuni jew oħra, 'il quddiem jinstab li hija ma jkollhiex dritt għall-għajnuna soċjali, hija jkollha tirrifondi lid-Dipartiment il-benefiċċju kollu li tkun irċeviet minn dik id-data li fiha jkun spiċċa dak id-dritt.

9. Fis-sena 2012 id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali talab profil tar-rikorrenti lit-Tax Compliance Unit. Minn dan irriżulta li r-rikorrenti kienet għamlet żewġ kuntratti u ċioe –

- Kuntratt ta diviżjoni datat 25 ta' Settembru 2001[12] permezz ta' liema r-rikorrenti u pesuni oħrajn iddikjaraw li huma jippossjedu indiviżament bejniethom proprjeta' tal-valur komplessiv ta' €349,406 (LM150,000) u li minnha l-istess rikorrenti ġiet assenjata porzjon proprjeta' kif deskritt fl-istess kuntratt. Hija ddikjarat mad-Dipartiment li minn din id-divizjoni ppercepiet is-somma ta' €135,880 (Lm58,333[13]). Meta mistoqsija fhiex intefqu dawn il-flus hija rrispondiet li ntefqu fil-ħajja ta' kuljum u lanqas għandha riċevuti[14]; u

- Kuntratt ta' bejgħ datat 30 ta' Jannar 2003[15] permezz ta' liema r-rikorrenti u ħuha biegħu lil terzi proprjeta' mmobbli għall-prezz ta' €41,928.72 (Lm18,000) u biegħu proprjeta' oħra għall-prezz ta' €83,857.44 (Lm36,000). L-introjtu totali tagħha minn dan il-bejgħ kien ta' €31,447[16]. Mistoqsija għal darb'oħra x'għamlet bihom dawn il-flus hija wieġbet li ma tafx/tiftakarx iżda li taf żgur huwa li kienet u għadha tgħix bil-kera;

10. In vista ta' dawn ir-riżultanzi d-Dipartiment bagħat ittra lir-rikorrenti fl-20 ta' Ġunju 2012 permezz ta' liema nfurmaha li l-applikazzjoni għall-għajnuna soċjali (*Single Unmarried Person - SUP*) kienet mistħarrġa u ġie deċiż li hija m'għadhiex aktar intitolata għal din l-għajnuna peress li l-valur kapitali tal-membri kollha tal-familja tagħha hu aktar minn €14,000. Hija ġiet

[12] Fol 83 et seq
[13] Fo, 129
[14] Fol 129
[15] Fol 90 et seq
[16] Fol 130

infurmata wkoll li jekk ma taqbilx ma' dik id-deċiżjoni setgħet tressaq appell quddiem l-Arbitru ai termini tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali[17];

11. Ir-rikorrenti nfatti ntavolat appell minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru[18] li b'deċiżjoni tat-28 ta' Mejju 2013 ġie miċħud l-appell tagħha[19];

12. Sadanittant fit-3 t'Awwissu 2012 id-Dipartiment kien bagħat ittra oħra lir-rikorrenti permezz ta' liema nfurmaha li rriżultalu li hija tħallset żejjed is-somma ta' €60, 579.73 f'għajnuna soċjali *(SUP)* li rċeviet mid-Dipartiment għall-perjodu mid-29 ta' Settembru 2001 sas-6 ta' Lulju 2012. Dan stante li kif ingħad fis-suespost il-kapital tagħha kien jeċċedi l-iskala massima konċessa mill-liġi sabiex hija tikkwalifika għal tali għajnuna. Hija ġiet infurmata wkoll li dan il-ħlas żejjed ser jitnaqqsilha bir-rata ta' 10% mill-f'għajnuna soċjali *(SUP)* jew xi benefiċċji oħra li tista' qed tirċievi mid-Dipartiment. Hija ġiet infurmata wkoll li jekk ma taqbilx ma' dik id-deċiżjoni setgħet tressaq appell quddiem l-Arbitru ai termini tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali[20].

13. Madankollu din id-darba r-rikorrenti ma kkontestatx quddiem l-Arbitru d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur fir-rigward tal-ħlas żejjed[21];

14. Il-*breakdown* tas-somma ta' €60,579.73 kif maħdum mir-rappreżentanti tad-Dipartiment intimat huwa esibit a fol 128 et seq;

15. Fis-27 ta' Ġunju 2013 d-Dipartiment ta struzzjonijiet sabiex ir-rikorrenti tiġi kkuntattjata ħalli tidħol fi ftehim għall-ħlas lura tas-somma msemmija f'pagamenti bin-nifs ta' almenu €100 fix-xahar peress li bi tnaqqis ta' 10% mic-allowance tat-tfal (CA) biss kien ser jgħaddi wisq żmien sakemm is-somma sħiħa tiġi mħallsa lura[22]. Minn dak li ġie rappurtat mir-rappreżentant tad-Dipartiment fil-file relattiv pero', meta r-rikorrenti ġiet mitkellma dwar dan, hija wieġbet li m'għandhiex flus biex tagħmel il-pagamenti bin-nifs msemmija. Qalet ukoll li hija kienet reġgħet applikat mill-ġdid għall-għajnuna soċjali[23];

---

[17] Fol 105
[18] Fol 106
[19] Fol 107 et seq
[20] Fol 104
[21] Fol 127
[22] Fol 132
[23] Fol 133

16.Fil-fatt fit-2 ta' Lulju 2013 r-rikorrenti reġgħet applikat għall-għajnuna soċjali[24] fejn iddikjarat biss li kellha vettura Toyota Corolla u li kienet tirċievi l-beneficċju tal-*allowance* tat-tfal iżda li ma kellhiex riżorsi kapitali oħra u dħul ieħor. Din l-applikazzjoni ġiet rifjutata għar-raġunijiet suesposti;

17. Hija reġgħet intavolat applikazzjoni oħra għall-għajnuna soċjali fl-4 ta' Marzu 2014 fejn din id-darba ndikat biss li tirċievi l-*allowance* tat-tfal u li ma kellha ebda riżorsi kapitali oħra u dħul ieħor [25]. Għall-istess raġunijiet, l-applikazzjoni tagħha ġiet miċħuda;

18.Fl-20 t'Ottubru 2014 ir-rikorrenti marret fl-uffiċċju tad-Dipartiment ġewwa l-belt Valletta fejn talbet rikonsiderazzjoni tal-każ tagħha[26];

19. Fis-7 ta' Jannar 2015 ir-rikorrenti mill-ġdid ressqet applikazzjoni sabiex tirċievi l-għajnuna soċjali[27]liema applikazzjoni reġgħet ġiet rifjutata dejjem għall-istess raġunijiet suesposti;

20. Sadanittant ir-rikorrenti kienet ukoll tipperċepixxi *allowance* tat-tfal (CA) li għaliha ressqet diversi applikazzjonijiet[28]. Dwar dawn xehed Dr Sean Apap Meli għan-nom tad-Direttur intimat li qal li[29] f'dik l-epoka r-rikorenti kienet tirċievi wkoll ħlasijiet bħala CA. Minħabba li hija kienet fuq l-għajnuna soċjali, hija kienet kienet qed tirċievi r-rata massima a bażi tad-dħul baxx li kellha[30]. Peress li qabel is-sena 2008 CA ma kienx jingħata lil kulħadd, imma kien jingħata skont l-introjtu tal-persuna, il-*capping* kien ta' €23,922.66 (Lm10,270). Persuna li kellha introjtu inqas minn dan l-ammont kienet tirċievi CA; jekk l-introjtu kien jeċċedi dik is-somma ma kienx jingħata CA. Applikati dawn ir-regoli għar-rikorrenti wara li ġie skopert l-introjtu li kellha bis-saħħa tal-kuntratti surreferiti, ġie stabbilit li qabel is-sena 2008 hi ma kinitx intitolata għal CA. Minn wara 2008 'il quddiem hi ħadet l-allowance bir-rata minima skont il-liġi.

21. Fit-28 ta' Jannar 2014 id-Direttur intimat bagħat ittra lir-rikorrenti permezz ta' liema nfurmaha li hija kienet tħallset żejjed is-somma ta' €23,853.63 f'*allowance* tat-tfal għall-perjodu mid-29 ta' Settembru 2001 sal-

[24] Fol 117 et seq
[25] Fol 122 et seq
[26] Fol 116
[27] Fol 109 et seq
[28] Fol 137
[29] Fol 30
[30] Fol 136

5 ta' Lulju 2013 peress li twaqqaf ir-*relief*. Hija ġiet infurmata wkoll dan il-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-allowance tat-tfal jew xi benefiċċji oħra li hija setgħet tirċievi mid-Dipartiment. Inoltre, hija ġiet avżata wkoll li hija kellha d-dritt li tappella min din id-deċiżjoni fi żmien tletin jum mid-data ta' l-ittra quddiem l-arbitru ai termini tal-Kap 318 tal-liġijiet ta' Malta[31];

22. Ir-rikorrenti ma ressqet ebda appell minn din id-deċiżjoni.

23. Jirriżulta wkoll li matul is-snin ir-rikorrenti kienet ingħatat ukoll benefiċċju għall-enerġija skont skema maħruġa mill-Gvern[32] liema benefiċċju pero' kien marbut mal-intitolament tal-persuna għall-għajnuna soċjali. Kwindi ladarba mbagħad ġie skopert li ma kinitx intitolata għal din l-għajnuna soċjali għall-perjodi mertu tal-kawża, id-Direttur intimat iddeċieda li hija kellha tagħti ħlas lura wkoll fir-rigward ta' dan il-benefiċċju ta' enerġija.

24. Fil-perjodu mill-14 ta' April 2015 sal-4 ta' Mejju 2018 intbagħtu lir-rikorrenti kemm ittri bonarji anke oħrajn uffiċjali permezz ta' liema hija ġiet interpellata għall-ħlas tal-ammont fihom mitlub mid-Dipartiment[33];

25. Matul dak il-perjodu, senjatament fit-23 t'April 2015, ir-rikorrenti marret f'wieħed mill-fergħat tad-Dipartiment u nfurmathom li hija kienet sabet impjieg *full-time* iżda ma kinitx f'qagħda li tħallas lura l-ammont mitlub għax il-flus kienet tużahom biex tħallas il-kera tal-post €400 fix-xahar u għall-għixien tagħha u ta' uliedha[34];

26. Finalment, fil-5 ta' Novembru 2019, id-Direttur intimat intavola l-ittra uffiċjali mertu tal-proċeduri odjerni, maħruġa ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn interpella lir-rikorrenti tħallas il-bilanċ rimanenti ta' €82.236.55 kif spjegat fis-suespost. Din l-ittra ġiet notifikata lir-rikorrenti fid-9 ta' Novembru 2019 u fit-22 ta Novembru 2019 hija ntavolat ir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri sabiex topponi l-pretensjoni tad-Direttur intimat.

## Ikkunsidrat:

[31] Fol 154
[32] Fol 104 et seq
[33] Fol 173 et seq
[34] Fol 174

Kif ingħad fis-suespost, ir-rikorrenti qegħda tressaq diversi argumenti sabiex topponi t-talba mressqa mid-Direttur intimat fl-ittra uffiċjali tal-5 ta' Novembru 2019.

**a. L-ewwel oppożizzjoni mressqa mir-rikorrenti hija bażata fuq l-irritwalita' u n-nullita' tal-ittra uffiċjali in kwistjoni.**

Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li bħala prinċipju ġenerali, safejn huwa legalment possibbli, att ġudizzjarju għandu jiġi salvat u mhux annullat u dan kif ingħad ripetutament mill-Qrati fosthom fil-każ **Antonia Zahra vs Raymond Borg deċiż fid-29 ta' Settembru 2015**[35]-

*"Illi fl-ewwel lok jingħad li llum hija ġurisprudenza stabbilita' li l-Qorti kemm jista' jkun, għall-prattiċita` u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi.*

*Illi skont is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"** deċiża fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi "bħala regola, skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati biex issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ" u "kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorożita' proċedurali u l-formaliżmu esaġerat rarament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk ma għandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawża" (**"Aquilina vs Cassar"** – Vol. LXXVI.iv.666).*

Ferm il-premess, il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-ewwel binarju li fuqu r-rikorrenti qegħda tissolleva l-irritwalita' u n-nullita' tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Novembru 2019 u ċioe' li, fil-fehma tagħha il-pretensjonijiet fiha magħmula mid-Direttur intimat ma setgħux jitqajmu f'ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12. Hija ssostni li l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jikkontjeni lista eżawrjenti ta' krediti li jistgħu jintalbu minn diġartimenti tal-Gvern u ġjaladarba l-kreditu mitlub mid-Direttur mhuwhiex inkluż f'din il-lista, allura dan ma setax jintalab ai termini tal-artikolu 466 imsemmi fl-ittra uffiċjali impunjata. Ir-rikorrenti targumenta li t-talba tad-Direttur intimat hija għar-rifużjoni ta'

[35] Rik Gur 1157/14

ammont ta' flus li 'tħallas żejjed' lilha u għalhekk mhijiex koperta bl-artikolu msemmi.

Minn naħa tiegħu d-Direttur intimat jirribatti li d-diċitura tal-artikolu 466 tal-Kap 12 hija wiesgħa biżżejjed biex tinkorpora t-talba tiegħu kif imressqa fl-ittra uffiċjali msemmija u għalhekk mhijiex irrita u nulla.

Il-Qorti tissottolinea li, kif ġie ripetutament konfermat mill-Qrati, l-artikolu 466 tal-Kap 12 huwa meqjus bħala għodda ta' natura eċċezzjonali, konċessa mill-leġislatur esklussivament lill-Gvern - kif rappreżentat mid-Dipartimenti tiegħu jew korpi oħrajn indikati fl-istess artikolu – sabiex jipproċedi għall-ħlas ta' krediti tal-istess Gvern.

Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk fil-każ **Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern u s-Segretarju Parlamentari tas-Saħħa vs Angelo Briffa deċiż fit-12 ta' Ġunju 2020 –**

*"Permezz tas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Lulju 2019, l-ewwel Qorti ddeċidiet li d-dikjarazzjoni ġuramentata notifikata lir-rikorrent bl-att ġudizzjarju tat-28 ta' April, 2017, u ppreżentata a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, hija bla effett u konsegwentement hija wkoll infondata t-talba hekk dedotta, u f'dan is-sens biss tilqa' t-talba tar-rikorrent fir-rikors promutur, b'kull riserva si et quatenus ta' kull dritt ta' azzjoni oħra spettanti lill-intimati kontra r-rikorrent għar-rifużjoni tal-ammont pretiż, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-*

*"Il-pretensjoni tal-Uffiċjal Ewlieni tal-Gvern fl-ittra uffiċjali tat-28 ta' April 2017 ippreżentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12, hija għar-rifużjoni mingħand ir-rikorrent ta' somma flus rappreżentanti ħlas żejjed ta' sahra, liema somma qed jiġi pretiż li tħallset lir-rikorrent indebitament.*

*Permezz tar-rikors promutur odjern, ippreżentat mir-rikorrent fis-16 ta' Mejju 2017 a tenur tal-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12, ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara t-talba għall-ħlas magħmula fl-ittra uffiċjali bħala waħda infondata stante illi ebda ammont ma huwa dovut mir-rikorrent in linea ta' rifużjoni ta' ħlasijiet żejda. Ir-rikorrent jikkontesta wkoll li l-ammont reklamat fl-ittra uffiċjali msemmija u sostna illi l-intimati jridu jġibu prova tal-ammont li qed jgħidu li huwa dovut lilhom.*

***Ikkunsidrat:***

*Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-proċedura kontemplata mill-Artikolu 466 tal-Kap. 12 ġiet introdotta u hija intiża sabiex tiffaċilita l-proċess ta' ġbir ta' krediti dovuti lid-dipartimenti tal-Gvern u lill-entitajiet magħquda li jkunu mwaqqfa mil-liġi bil-għan evidenti illi jitnaqqsu l-ispejjeż u d-dewmien marbutin ma' proċeduri ġudizzjarji ordinarji. Din il-proċedura tesiġi li d-debitur jiġi notifikat, permezz ta' att ġudizzjarju, b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-kap tad-Dipartiment kreditur, liema att ġudizzjarju, jekk ma jiġix kontestat skont kif tipprovdi l-liġi, ikollu l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti.*

*Iżda, biex id-dipartiment jew korp ikkonċernat ikun jista' jipprevalixxi ruħu minn din il-proċedura, jeħtieġ li jiġu osservati numru ta' rekwiżiti elenkati fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 466(1) li jipprovdi hekk:-*

*466 (1)Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpanija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u/jew dritt ta' xi liċenzja jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut (enfasi tal-Qorti).*

*Għandu jingħad illi l-proċedura kkontemplata fl-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12, billi huwa mezz eċċezzjonali għall-ġbir ta' krediti u tapplika biss għall-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u entitajiet oħra speċifikati fl-imsemmi dispożizzjoni tal-liġi, hija waħda speċjali bħala tali għandha tingħata tifsira u tiġi segwita ad letteram fl-applikazzjoni tagħha. Multo magis meta wieħed jikkunsidra illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 466 ikun qed jitqassar sostanzjalment il-mezz li jwassal għall-otteniment ta' titolu eżekuttiv u dan bit-tneħħija tal-ħtieġa li tiġi segwita l-proċedura kontenzjuża ordinarja għall-ġbir tal-krediti. Għalhekk, biex jiġi assigurat illi ma jiġux mittiefsa d-drittijiet tad-debitur li jikkontesta effettivament il-pretensjoni tal-kap tad-Dipartiment relattiv, jenħtieġ kawtela kbira fl-użu ta' din il-proċedura.*

*Wara kollox, kif inhuwa paċifiku fl-ordinament ġuridiku tagħna, il-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubbliku u bħala tali r-regoli proċedurali jeħtieġu li jiġu osservati rigorożament u ad unguem.*

*Il-korollarju ta' dawn il-konsiderazzjonijiet huwa, inevitabbilment, illi l-Qorti hija prekluża milli tagħti effett lil proċediment speċjali f'ċirkostanzi fejn ir-rekwiżiti stipulati espressament mil-liġi evidentement mhumiex sodisfatti. B'applikazzjoni għall-każ odjern, dan ifisser sabiex id-Dipartiment ikkonċernat jista' jaġixxi skont il-proċedura speċjali taħt l-Art. 466 tal-Kap. 12, għandhom jiġu sodisfatti mingħajr eċċezzjoni, il-kriterji kollha elenkati fid-dispożizzjoni fuq ċitata, u konsegwentement ix-xorta tad-debitu li jkun qed jiġi pretiż mill-kap tad-Dipartiment in kwistjoni, trid taqa' strettament f'waħda mill-kategoriji ta' dejn imfissra fis-subinċiż (1) tal-Artikolu 466. Il-Qorti hija tal-fehma illi din il-proċedura ma tistax, għalhekk, issib applikazzjoni għal kwalunkwe xorta ta' dejn pretiż mill-Gvern iżda biss għal dawk id-debiti elenkati kategorikament fis-subinċiż (1) tal-Artikolu 466, ċioe dejn dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, jew dritt jew taxxa oħra dovuti lill-Gvern. Kwindi l-ħtieġa li l-kap tad-Dipartiment ifisser fid-dikjarazzjoni ġuramentata, ix-xorta tad-dejn pretiż mid-Dipartiment tiegħu.*

*Hawnhekk tinsorġi inevitabbilment id-domanda: kif jista' ħlas żejjed ta' sahra lil impjegat tal-Gvern, jinkwadra bħala dejn dovut lill-Gvern meta huwa evidenti illi f'dan il-każ il-Gvern ma ta ebda servizz jew provvista lill-allegat debitur u lanqas ma tista' l-pretensjoni in kwistjoni titqies bħala penali, kumpens, dritt jew taxxa dovuta lill-Gvern. F'dan il-każ l-intimati aġixxew għal rifużjoni ta' ammont allegatament imħallas żejjed, u kwindi l-azzjoni tagħhom mhijiex għall-ġbir ta' dejn fis-sens imfisser mill-Artikolu in diżamina, iżda hija waħda ta' indebiti solutio kif ravviżata fl-Artikoli 1021 u 1022 tal-Kodiċi Ċivili.*

*L-azzjoni indebiti solutio hija maħsuba biex kull min jirċievi sew xjentement jew bi żball, ħaġa li ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili u lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li min għandu jkun irċeviha bla jedd. Inoltre kull min billi jaħseb, bi żball, li hu debitur iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura mingħand il-kreditur. L-oġġett ta' din l-azzjoni hija r-restituzzjoni tal-ħlas indebitu, ċioe ta' dak li ġie mħallas meta fil-verità, ma kellux jingħata.*

*Kif ġie ritenut in materja*[36] *, il-liġi tagħti din l-azzjoni għar-radd tal-ħlas mhux mistħoqq:-*

*"... mhux biss meta kull ma tħallas ma kienx mistħoqq iżda wkoll għalkemm, meta hemm xi ħlas ikun mistħoqq, ikun tħallas żejjed milli kien mistħoqq u jekk jiġri hekk min ħallas jista' jfittex għar-radd ta' żejjed imħallas."*

*Intqal ukoll in propositu illi:-*

[36] Anton Azzopardi noe et vs Lawrence Ciantar et noe, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April 1998.

*"id-dritt għar-ripetizzjoni ta' dak li huwa ħallas bħala indebitu hu fondat fuq il-prinċipju kbir ta' ekwità li ma tippermettix li wieħed jirrikixxi ruħu b'dannu ta' għajru."*

***Ikkunsidrat:-***

*Il-Qorti tifhem il-fattispeċje tal-pretensjoni kif impostata mill-intimati fl-att ġudizzjarju notifikat lir-rikorrent ("ħlasijiet żejda ta' sahra mid-Dipartiment tas-Saħħa") , jikkonfiguraw perfettament fil-parametri tal-azzjoni indebiti solutio, u dan huwa rikonoxxut anke mill-istess intimati fir-Risposta tagħhom għar-rikors promutur, fejn fissru t-talba tagħhom għar-rifużjoni tas-somma mitluba, bħala "ħlas illi kien sar bi żball", lir-rikorrent.*

*Kif ingħad, il-proċedura eċċezzjonali taħt l-Artikolu 466 teħtieġ applikazzjoni stretta u ma tistax tintuża biex jinġabru djun oħrajn li ma jaqgħux fil-parametri kategoriċi tal-Artikolu 466(1), u peress illi f'dan il-każ huwa evidenti li l-pretensjoni ma tinkwadrax fit-termini tal-istess Artikolu, il-Qorti tqis illi l-intimati ma setgħux fiċ-ċirkostanzi, jipprevalixxu ruħhom mill-imsemmija proċedura speċjali biex jiġbru l-ammont li qed jippretendu li huma ħallsu indebitament lir-rikorrent. Huma kellhom minflok, jipproċedu fil-kontenzjuż bil-proċediment ordinarju sabiex il-qorti tiddetermina l-eżistenza o meno tal-jedd tal-indebiti solutio kif pretiż mill-intimati.*

*Għaldaqstant, il-Qorti tqis li peress illi l-proċedura li biha mxew l-intimati mhijiex siewja għaliex ma saritx in ottemperanza mar-rekwiżiti sostantivi tal-istess Artikolu, ma tistax għalhekk, fi kwalsiasi każ, tipproduċi l-effett maħsub mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 466(2), ċioe l-effett ta' ġudikat kwantu għall-ammont dikjarat fid-dikjarazzjoni ġuramentata. Konsegwentement, magħmula u mfassla b'dan il-mod, id-dikjarazzjoni ġuramentata u t-talba relattiva notifikati lir-rikorrenti bl-att ġudizzjarju tat-28 ta' April 2017, ma jiswewx għall-finijiet tal-Artikolu 466.*

*Il-Qorti hija tal-fehma li tista' tieqaf hawn għaliex ma tistax, fiċ-ċirkostanzi, tinvesti l-fondatezza o meno tat-talba fil-mertu. Dan jista' jsir biss mill-qorti kompetenti fi proċediment ordinarju."*

*(……)*

***<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>***

*11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellanti u fid-dawl tar-risposta tal-appellat, u dan b'riferiment għal dak li ġie deċiż mill-ewwel Qorti.*

*L-ewwel aggravju: nullità tas-sentenza tal-ewwel Qorti*

*(……)*

*…..kienet korretta d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li qajmet minn jeddha l-kwistjoni dwar jekk il-proċedura adoperata mill-appellanti kinitx dik korretta jew le. L-ewwel Qorti kienet korretta wkoll fejn irrilevat li l-proċedura speċjali li ħaseb għaliha l-leġiżlatur meta introduċa l-artikolu 466 tal-Kodiċi tal-Kap. 12, ma kinitx intiża biex tkopri kull tip ta' kreditu dovut lid-dipartimenti governattivi u lill-entitajiet speċifikati, iżda kienet intenzjonata biss għal dawk il-krediti li jissemmew espressament fl-artikolu 466(1) tal-Kap. 12. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz tad-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi vs. Connie Buhagiar u Martin Buhagiar*** *spjegat it-tip ta' kreditu li din il-proċedura speċjali ai termini tal-artikolu 466(1) tal-Kap. 12, kienet maħsuba għalih:*

*"Jingħad bla tlaqliq li l-użu tal-Artikolu 466 huwa mezz eċċezzjonali applikabbli għall-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u oħrajn speċifikati fl-Artikolu u dan sabiex il-Gvern ta' Malta jkun jista', permezz ta' din il-proċedura eċċezzjonali, jiġbor il-krediti dovuti lilu billi l-Kap tad-Dipartiment jikkonferma bil-ġurament li l-kreditu huwa dovut.*

*Skont l-Artikolu 466 tal-Kap. 12:*

*"Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt xi liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenzja jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew*

*maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu huwa dovut ...".*

*Filwaqt li l-Awtorità temmen li l-leġislatur ipprova jindirizza kull tip ta' kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern, il-liġi mhux hekk tipprovdi għaliex il-liġi f'dan l-artikolu stess telenka tipi ta' krediti li jistgħu jkunu dovuti u wara tikkonkludi bil-kliem "jew dritt jew taxxa oħra dovuti ..." (però dan ma jfissirx li qed tinkorpora kwalunkwe tip ta' kreditu li jista' jkun dovut). Il-kliem "kull servizz, provvista, kera jew għal dritt ta' xi liċenzja jew dritt jew taxxa oħra dovuti" ma jinkludix rifużjoni ta' flus ġia mħallsa.*

*Il-ħlas li tippretendi l-Awtorità intimata hi rifużjoni tal-flus li tħallsu lir-rikorrent u dan peress li qiegħed jingħad li r-rikorrenti kisru l-obbligu kuntrattwali tagħhom meta naqsu li jippreżentaw prova dwar id-dħul tal-household tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti l-interpretazzjoni li l-awtorità intimata tagħti lill-Artikolu 466 tal-Kodiċi hu wiesgħa wisq.*

*Il-Qorti tispjega u tgħid li bil-kliem "jinġabar lura dejn dovut ... dwar kull servizz" il-leġislatur kien qiegħed jirreferi għall-ħlas, talli persuna tkun ingħatat servizz. F'dan ir-rigward is-somma ta' €560 mhijiex ħlas għal servizz, iżda ħlas lura ta' flus li l-Awtorità intimata tat erronjament lir-rikorrent għar-raġuni li qiegħda tgħid li r-rikorrenti ma mlewx l-applikazzjoni kif imiss.*

*Mhux argument li ssir referenza għal dik il-parti tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fejn jingħad: "sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi." Dan għaliex il-Qorti tosserva li:-*

*(a) L-Artikolu 466 ma japplikax għal kull (sottolinear ta' din il-Qorti) kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern jew korp kostitwit b'liġi. Kieku din kienet l-intenzjoni tal-leġislatur ma kienx ikun hemm skop għalfejn jissemmew il-każijiet fejn dik il-proċedura tista' tiġi adottata. Il-lista ta' każijiet fejn tista' tiġi adottata l-proċedura taħt l-Artikolu 466 hi eżawrjenti.*

*(b) Il-kliem "... sabiex jiġbor kull ammont dovut" ġew inseriti fil-provvediment fir-rigward ta' korp li b'liġi jkun awtorizzat li jiġbor dejn favur il-Gvern jew korp kostitwit b'liġi. B'daqshekk ma jfissirx li l-Artikolu 466 japplika għal kull tip ta' kreditu li jista' jippretendi li għandu l-Gvern jew korp imwaqqaf b'liġi.*

*Ifisser biss li korp awtorizzat jirkupra dejn favur il-Gvern jew korp imwaqqaf b'liġi, ikun jista' fil-każijiet ikkontemplati fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 jaddotta dak il-provvediment biex jirkupra l-ħlas dovut."*

*Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti ġurisprudenzjali, din il-Qorti qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti peress li jirriżuta li din hija*

*korretta u arġinata fl-ispirtu ta' dak li tabilħaqq kellu f'moħħu l-leġiżlatur meta introduċa l-proċedura speċjali tal-artikolu 466 tal-Kap. 12."*

Din il-Qorti ħasset il-ħtieġa li tikkwota estensivament minn din is-sentenza stante li fil-fehma tagħha, l-prinċipji hemm imnissla jimpinġu direttament fuq il-kwistjoni tal-irritwalita' u n-nullita' tal-ittra uffiċjali mertu tal-proċeduri odjerni.

Kif tajjeb ingħad fil-ġurisprudenza suċċitata, tenut kont li l-artikolu 466 tal-Kap 12 huwa mezz ta' proċedura eċċezzjonali f'idejn il-Gvern għall-ġbir ta' krediti, it-tifsira li għandu jingħata għandha tkun waħda stretta. Għal kull buon fini jiġi rilevat f'dan l-istadju li l-insenjament tal-Qorti fil-każ kwotat mid-Direttur intimat *Kummissarju tal-Artijiet vs LHP Limited* deċiż fis-sena 2012 fejn ġie attribwiet "skop wiesgħa" għall-artiklu 466 tal-Kap 12, ma jistax jitqies awtomatikament applikabbli għall-każ tal-lum stante li f'dik l-epoka d-diċitura tal-artikolu kienet differenti milli hi llum. Fil-fatt l-artikolu in eżami llum huwa aktar wisgħa fl-applikazzjoni tiegħu minn dak li kien fiż-żmien ta' din l-aħħar sentenza msemmija[37]. Għalhekk kieku l-legislatur ried jiftaħ l-applikazzjoni ta' dana l-artikolu, kif għamel bl-imsemmija emendi, kellu u għad għandu kull opportunita' li jagħmel dan. Konsegwentement tibqa tal-fehma li għandu japplika l-insenjament tas-sentenza hawn fuq ċitata.

Magħmula dawn il-preċiżazzjonijiet, din il-Qorti tkompli żżid li d-Direttur intimat m'għandux il-*mano libera* li jutilizza l-artikolu 466 tal-Kap 12 għal kwalunkwe dejn li jkollu jiġbor a favur il-Gvern iżda biss għal djun li huma speċifikatament indikati fid-dispożizzjoni msemmija.

Mis-sinteżi dettaljata tal-provi tal-każ odjern li saret fis-suespost jirriżulta ċar li d-dejn li fil-fatt qiegħed jipprova jirkupra d-Direttur permezz tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Novembru 2019 huwa **<u>ħlas żejjed</u>** f'għajnuna soċjali li r-rikorrenti Mariella Spiteri rċeviet matul diversi snin wara li eventwalment irriżulta lill-istess Direttur li hija ma kinitx intitolata li tirċievi dawk il-ħlasijiet.

L-ittra uffiċjali tal-5 ta' Novembru 2019 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 maħruġa mid-Direttur intimat qegħda tinterpella lir-rikorrenti odjerna biex tħallas is-somma ta' €82,236.55 li "*tħallset lilek indebitament"*.

---

[37] Emendat bl-Att XVII tas-sena 2012.

Id-Direttur intimat jipprova jargumenta li peress li l-għajnuna soċjali li jħallas lil min jikkwalifika għaliha hija forma ta' servizz soċjali mogħti liċ-ċittadin, allura dak li qed jitlob fl-ittra uffiċjali mpunjata huwa l-ħlas lura ta' "servizz" li huwa ta' lil Mariella Spiteri. Iżda dan l-argument ma jreġix. Kif ingħad fil-ġurisprudenza suċċitata, **il-kliem *"kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti"* fl-artikolu 466 tal-Kap 12 ma jinkludix rifużjoni ta' flus li diġa kienu mħallsa.** U wkoll kif ingħad, meta d-diċitura tal-artikolu 466 tipprovdi li *"jinġabar lura dejn dovut ... dwar kull servizz"* l-intendiment tal-leġislatur huwa li jinġabar ħlas ta' servizz li jkun ingħata lil persuna. Fil-każ odjern, id-Direttur m'huwiex qed jitlob ħlas għal servizz reż lir-rikorrenti, iżda rifużjoni ta' ħlasijiet li kienu ngħatawlha preċedentement, li hija kwistjoni differenti.

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ħlief li tabbraċċja u tagħmel tagħha il-prinċipju ġurisprudenzjali suesposti u tipproċedi biex tilqa' l-oppożizzjoni tar-rikorrenti għall-ittra uffiċjali tad-Direttur u ssib li din l-istess ittra hija irrita u nulla għax id-Direttur intimat ma setax iressaq il-pretensjonijiet tiegħu permezz ta' ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Naturalment din id-deċiżjoni qegħda tingħata bla preġudizzju għad-dritt tad-Direttur intimat li ai termini tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta jfittex lir-rikorrenti għar-rifużjoni tas-somma minnu pretiża fi proċeduri ordinarji quddiem il-Qorti kompetenti ukoll li jiproċedi jekk ikun il-każ fil-konfront ta' dikjarazzjonijiet foloz li jimpattaw l-erarju pubbliku.**

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti sejra tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames eċċezzjoni tad-Direttur intimat filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

2. **Tilqa' l-oppożizzjoni tar-rikorrenti għall-ittra uffiċjali tal-5 ta' Novembru 2019 Nru 4307/19 fl-ismijiet premessi u tiddikjaraha irritwali u nulla għar-raġunijiet biss indikati f'din is-sentenza u ċioe' li d-Direttur intimat ma setax iressaq il-pretensjonijiet tiegħu permezz**

**ta' ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta . Dan kollu jingħad b'riżerva għal kull dritt ta' azzjoni oħra spettanti lid-Direttur intimat kontra r-rikorrent għar-rifużjoni tal-ammont pretiż fi proċeduri ordinarji quddiem il-Qorti kompetenti;**

3. **L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mid-Direttur intimat.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**